MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Numru 1013/2003

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

Vs

Ronald Angileri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Ronald Angilieri ta' karta ta' identita' numru 595585(M).

Akkuzat talli fl-24 ta' Lulju 2003 u fix-xhur ta' qabed din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ai temini ta' l-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kap 9.

F'San Giljan, f'xi jum fix-xahar ta' Dicembru 2002, bil-lejl, kkommetta serq ta' 'hand-bag' u oggetti ohra fosthom

‘mobile phone’, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta’ Lm50.00, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

U aktar talli f’xi jum fix-xahar ta’ Marzu, bil-lejl, f’Pacevelle San Giljan, ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka ‘Nokia’, li l-valur tieghu jiskorri s-somma ta’ Lm50.00, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa;

U aktar talli nhar it-3 ta’ Lulju 2003, f’xi hin wara nofs inhar fi Triq it-Torri Tas-Sliema, kkommetta serq ta’ ‘haversack’ u oggetti ohra li l-valur taghhom jiskorri l-Lm50.00, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u li sar ghad-dannu ta’ Sasha Golovkin;

U aktar talli fl-4 ta’ Lulju 2003 f’xi hin wara nofsinhar , fil-Bajja ta’ Ghajn Tuffieha limiti ta’ l-Imgarr Malta, ikkommetta serq ta’ ‘haversack’ u diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti, li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok u li sar ghad-dannu ta’ Janika Taru Katarina Koli;

U aktar talli fl-24 ta’ Lulju 2003, ghall-habta ta’ l-4:00 ta’ wara nofsinhar, fil-Bajja ta’ Ghajn Tuggieha l-Imgarr, ikkommetta serq ta’ ‘haversack’ u diversi oggetti ohra fosthom ‘discman’, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta’ Lm50.00, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u li sar ghad-dannu ta’ Maria Rolland;

Akkuzat ukoll talli fi ziminijiet u cirkostanzi differenti, xjentement iltaqa’ laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xejntement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat fis-seduta tal-lum stess jirregistra ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq, b'kollox erba serqiet, kommessi f'perjodu ta' l-ahhar sentejn. Li dan is-serq jirrisulta li gie maghmul mill-imputat huwa cert kif ammetta huwa stess anke fl-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija. Apparti dan ghandu jinghad li ghal dik is-serqa li saret fl-24 ta' Lulju 2003 l-imputat kien inqabad ''in flagiante'' u kien proprju dan li geghlu jisvela s-serq precedenti li hu kkommetta. L-imputat pero' jidher li illum qabad it-triq it-tajba u minhabba l-eta tieghu l-Qorti mhux tal-fehma li ghandha tapplika piena karcerarja.

Ghalhekk, qeghdha tiddisponi mill-kaz billi tiddecidi wara li rat l-Artikolu 18, 261(c)(e)(f), 267, 269(c), 270, 279(a) tal-Kap 9 tiddecidi ghal din id-darba li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap446, u dana wara li gie dikjarat li r-rifurtiva giet ritornata lura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------